MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 791/2003

**Air Malta plc**

**vs**

**Lawrence Borg li b'digriet tat-18 ta' Awwissu 2003 gie nominat kuratur deputat biex jirrapprezenta l-kumpanija estera South Rays Holidays Limited tal-Ingilterra.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 1 ta' Awwissu 2003 fejn esponiet: -

Illi l-kumpanija konvenuta South Rays Holidays Limited tal-Ingilterra hija debitrici tal-kumpanija attrici versu s-somma ta' mija u tmintax-il elf tliet mija hamsa u disghin

lira Sterlina u erbgha u tletin "pence" (GBP118,395.34) ekwivalenti ghas-somma ta' tnejn u sebghin elf tliet mija u disghin lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm72,390.91) skont ir-rata tal-kambju mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta llum 1 ta' Awwissu 2003, liema somma hi dovuta in kwantu ghall-ammont ta' tnejn u disghin elf tnejn u hamsin lira Sterlina u hamsa u sittin "pence" (GBP 92,052.65) bhala prezz ta' titjiriet skedati inkluz it-taxxi dovuti, u in kwantu ghall-ammont ta' sitta u ghoxrin elf tliet mija tnejn u erbghin lira Sterlina u disgha u sittin "pence" (GBP 26,342.69) bhala bilanc minn somma akbar prezz ta' titjiriet tat-tip "chartered";

Illi hu dovut ukoll l-ammont ta' ghaxart elef seba' mija u hames liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm10,705.56) bhala taxxi Maltin fuq l-imsemmija titjiriet "chartered";

Illi ghalhekk b'kollox il-kumpanija konvenuta hija debitrici versu l-ammont ta' tlieta u tmenin elf sitta u disghin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm83,096.47);

Illi ghal finijiet tal-proceduri odjerni, il-kumpanija attrici qieghda tillimita t-talba taghha ghas-somma ta' sitta u ghoxrin elf tliet mija tnejn u erbghin lira Sterlina u disgha u sittin "pence" (GBP 26,342.69) ekwivalenti ghal sittax-il elf mija u sitt liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm16,106.81) skont ir-rata tal-kambju mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta llum 1 ta' Awwissu 2003 u liema somma tirrapprezenta bilanc minn somma akbar prezz ta' titjiriet skont "charter contract" konkluz bejn il-partijiet;

Illi l-kumpanija konvenuta tirrizerva li tipprocedi ulterjorment ghall-ammonti dovuti lilha kif hawn fuq spjegat;

Illi l-kumpanija konvenuta, ghalkemm interpellata sabiex thallas baqghet inadempjenti;

Tghid ghalhekk il-kumpanija konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-kumpanija konvenuta hija debitrici tal-kumpanija attrici versu s-somma ta' sitta u ghoxrin elf tliet mija tnejn u erbghin lira Sterlina u disgha u sittin "pence" (GBP 26,342.69) dovut bhala bilanc minn somma akbar prezz ta' titjiriet skont "charter contract" konkluz bejn il-partijiet.

2. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' sitta u ghoxrin elf tliet mija tnejn u erbghin lira Sterlina u disgha u sittin "pence" (GBP 26,342.69) ekwivalenti ghal sittax-il elf mija u sitt liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm16,106.81) skont ir-rata tal-kambju mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta llum 1 ta' Awwissu 2003;

Bl-ispejjes kollha, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, kif ukoll bl-imghax legali mid-data tal-*invoices* sal-pagament effettiv kontra l-kumpanija konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Air Malta plc datata 1 ta' Awwissu 2003 (fol 37) fejn talbet lill-Qorti joghgobha tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw il-kumpanija estera South Rays Holidays Limited, fl-atti tal-kawza u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti u li bil-bandu jigi notifkat Lawrence Borg li kien jiehu hsieb l-operazzjonijiet tal-kumpanija hawn Malta; u l-Qorti kif diversament presjeduta, rat in-nota ta' Lawrence Borg u kkonfermat lill-istess Lawrence Borg bhala kuratur ghall-finijiet kollha tal-ligi, u dan kif jidher bid-digriet tat-18 ta' Awwissu 2003 (fol 49).

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-27 ta' Novembru 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kumpanija South Rays Holidays Ltd. datata 18 ta' Awwissu 2003 (fol 51) fejn esponiet illi: -

1. Illi dak illi ssostni s-socjeta` attrici in kwantu jirrigwarda r-rata tal-kambju u cioe` illi tali rata tinhadem fuq dik mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta ma japplikax ghat-transazzjonijiet bejn il-partijiet.

2. Kif jidher mid-dokumenti esibiti ma' din l-eccezzjoni u mmarkati dokumenti E, F, G, il-ftehim bejn il-partijiet kien ibbazat fuq rata ta' kambju a bazi tat-Tour Operator Support Scheme, komunement maghrufa bhala Toss Rate.

3. Meta wiehed jahdem il-flus kollha li hallset is-socjeta` konvenuta fis-Sterlina u jikkonvertih a bazi ta' din it-Toss Rate, wiehed malajr jasal ghal konkluzjoni illi effettivament il-konvenut *nomine* hallas lis-socjeta` attrici ammont li jkopri kwalunkwe somma dovuta ghal servizzi pretizi mis-socjeta` attrici.

4. Ghalhekk l-ebda ammont ma hu dovut lis-socjeta` attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-**Kontro-talba** ta' Lawrence Borg *nomine* datata 18 ta' Awwissu 2003 (fol 53) fejn espona: -

Illi kif jidher mic-citazzjoni attrici u mill-eccezzjonijiet tieghu *nomine* s-socjeta` minnu rapprezentata kellha diversi transazzjonijiet mas-socjeta` attrici dwar provista ta' servizzi ta' titjiriet bl-ajru.

Illi l-kuntratt originali u l-korrispondenza kollha turi bl-aktar mod car illi r-rata tal-kambju li kellha tintuza f'dawn it-transazzjonijiet kollha kellha tkun dik bazata fuq it-Toss rate stabbilita ghal organizazzjonijiet konnessi mat-turizmu bhal ma hi s-socjeta` konvenuta.

Illi *nonostante* illi tali kuntratt huwa car u limpidu, wara diversi snin is-socjeta` attrici ddecidiet unilateralment li taghmel talba kontra s-socjeta` konvenuta ghal ammont bbazat fuq ir-rata ta' kambju kummercjali u mhux fuq it-Toss rate. *Inoltre* s-socjeta` attrici pprezentat mandat ta'

sekwestru kontra s-socjeta` konvenuta meta kienet taf illi l-pagamenti li ghamlet s-socjeta` konvenuta kienu jkopru l-ammonti kollha li setghu talvolta kienu dovuti lis-socjeta` attrici.

Illi tali sekwestru ikkaguna danni serji lis-socjeta` konvenuta kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Tghid ghalhekk s-socjeta` attrici ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti prevja dikjarazzjoni illi l-mandat ta'sekwestru fuq imsemmi sar b'mod vessatorju kif fuq inghad u kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

1. Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta sofriet danni minhabba l-agir illegali tas-socjeta` attrici;

2. Konsegwentement tillikwida tali danni okkorrendo ad opera ta' periti nominandi; u

3. Tikkundanna lis-socjeta` attrici li thallas tali danni lis-socjeta` konvenuta bl-interessi relativi.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta` attrici.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Air Malta plc ghall-kontro-talba ta' Lawrence Borg *nomine*, datata 4 ta' Settembru 2003 a fol 71 tal-process.

1. Preliminarjament, it-talbiet fil-kontro-talba ta' Lawrence Borg *nomine* ghandhom jigu michuda bl-ispejjes *stante* li tali talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi t-talba m'hijiex konessa mat-talba tal-kumpanija attrici skont kif rikjest mill-Artikolu 396 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u mhix segwita skont l-Artikolu 836(9) tal-Kap 12;

2. Subordinatament u bla pregudizzju ghal fuq eccepit, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes *stante* illi l-mandat ta' sekwestru li ghalih qieghed jaghmel referenza l-konvenut *nomine* fit-talbiet tieghu, ma nharigx b'mod vessatorju izda nhareg skont il-ligi u gie segwit b'citazzjoni kif tirrikjedi l-ligi.

3. Subordinatament u bla pregudizzju ghal fuq eccepit, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda *stante* li f'kaz ta' kawza ghad-danni naxxenti mill-hrug ta' mandat kawtelatorju, il-ligi tiggwidana li sabiex ikun hemm lok ta' kawza ghad-danni hemm bzonn li tezizti wahda jew izjed mill-kundizzjonijiet indikati fl-Artikolu 836(8) subincizi (a) sa (b);

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' April 2004 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-istess Qorti innotat li minkejja d-digriet taghha tas-16 ta' Dicembru 2003 il-kumpanija konvenuta naqset milli tipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet fiz-zmien moghti lilha. L-Avukat Franco P. Vasallo talab lill-Qorti tghaddi ghall-ghoti tas-sentenza fuq l-eccezzjoni tas-siwi tal-kontro- talba. Il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-imsemmija eccezzjoni fin-nuqqas ta' xkiel ghat-3 ta' Gunju 2004; u l-verbal tas-seduta tat-30 ta' Gunju 2004 (fol 94) fejn inghatat sentenza *in parte*, illi l-Qorti kif diversament presjeduta qieghda tiddeciedi billi :

*"**Tilqa' l-ewwel eccezzjoni** tal-kumpanija attrici rikonvenzjonata dwar il-kontro-talba u tiddikjara li l-istss kontro-talba ma tiswiex u hija irritwali ghaliex ma tharisx l-elementi miltuba mil-ligi;*

***Tichad it-talbiet rikonvenzjonali** tal-kumpanija mharrka, bl-ispejjez kontriha; u*

***Tordna** li s-smigh tal-kawza jissokta bit-trattazjoni u l-gbir tal-provi dwar l-azzjoni attrici originali."*

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Dicembru 2005 (fol 119) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta, b'referenza ghall-verbal tas-smigh tas-17 ta' Gunju 2005, Dr. James Muscat Azzopardi informa lill-Qorti li minn verifiki li ghamel irrizulta illi l-kumpanija estera konvenuta

tinsab fil-process ta' stralc u ma kienx ircieva struzzjonijet minghand il-konvenut kuratur dwar tressiq ta' provi ohra. Il-Qorti ghalhekk iddikjarat maghluq l-istadju tal-gbir tal-provi u l-Avukati talbu li l-kawza tithalla ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2006; u l-verbali l-ohra kollha nkluz dak tas-17 ta' Ottubru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b'ordni ta' din l-istess Qorti din il-kawza giet differita ghall-Hamis 13 ta' Gunju 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Din hija kawza ghall-kanonizzazzjoni ta' kreditu pretiz mis-socjeta` attrici kontra s-socjeta` konvenuta estera *South Rays Holidays Limited* limitatament ghall-ammont ta' **GBP26,342.69** gja ekwivalenti ghal Lm16,106.81, skont ir-rata tal-kambju mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta fl-1 ta' Awwissu 2003, meta giet intavolata din il-kawza. Skont is-socjeta` attrici, dan l-ammont hu dovut lilha bhala bilanc ta' somma akbar rapprezentanti prezz ta' titjiriet skont *charter contract* konkluz bejn il-partijiet.

### Il-Provi

Jirrizulta mill-provi prodotti illi fl-14 ta' Marzu 1999 gie konkluz kuntratt *Aircraft Charter Agreement*[1]*,* bejn il-kontendenti, u *cioe',* bejn is-socjeta` attrici bhala "*the carrier*" u s-socjeta` konvenuta, li ghandha ir-residenza kummercjali taghha fil-fond 114, Runnymede Avenue, Bear Cross, Bournemouth, Dorset BH11 9SD, fir-Renju

[1] Esebit bhala **Dok. 'D1'** a fol. 16 tal-process.

Unit, bhala "*the charterer.*" Il-kondizzjonijiet huma imfissra fil-ftehim, fosthom il-prezzijiet stabbiliti u modalita' ta' pagament. Sussegwentement gew iffirmati kuntratti ohra fis-26 ta' Jannar 2000[2]; fil-5 ta' Marzu 2001[3] u fis-22 ta' Lulju 2002.[4]

Fis-sustanza, is-socjeta` konvenuta qed tikkontesta r-rata tal-kambju applikata mis-socjeta` attrici u tghid li l-ftehim bejn il-partijiet kien ibbazat fuq l-applikazzjoni ta' rata tal-kambju taht it-"*Tour Operator Support Scheme",* maghruf bhala '*TOSS Rate*' u mhux bl-applikazzjoni tar-rata mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta. Jekk wiehed jahdem il-kambju bl-applikazzjoni ta' dan it-*Toss Rate* jirrizulta li s-socjeta` konvenuta hallset l-addebiti taghha u ghalhekk m'hu dovut ebda ammont.

Da parti taghha, is-socjeta` konvenuta ressqet **Kontro Talba** ghad-danni lilha ikkagunati bil-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru li ottjeniet is-socjeta` attrici kontriha. B'sentenza parzjali moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta,[5] gew michuda it-talbiet rikonvenzjonali u ghalhekk din il-Qorti ser tikkonsidra biss il-mertu tal-kawza promossa mis-socjeta` attrici.

**Xehdu** rapprezentanti tas-socjeta` attrici. **Vincent Zammit,[6]** Assistant Manager, *Charters Financial Department* li ikkonferma li l-ammont ta' Stg26,342.69 mertu ta' din il-kawza huwa dovut lis-socjeta` attrici. Skont dan ix-xhud, is-socjeta` konvenuta qatt ma ikkontestat li dawn l-ammonti huma dovuti imma ippretendew li jinqatghu peress li kellhom pretensjonijiet mal-Awtorita' tat-Turzmu fuq l-iskema TOSS. L-invoices jinhargu fil-valuta miftehma mal-operatur. Fil-kaz odjern, dan kien f'dollari Amerikani ghas-sena 1999, u f'sterlina Ingliza ghas-snin 2000 sa' 2002.

[2] Esebit bhala **Dok.'D2'** a fol. 20 tal-process.
[3] Esebit bhala **Dok.'D3'** a fol. 24 tal-process.
[4] Esebit bhala **Dok.'D4'** a fol. 31 tal-process.
[5] Vide Fol.83 *et seq.* tal-process
[6] Affidavit esebit a fol.96 tal-process.

Ix-xhud spjega li huma jahdmu ir-rati tal-kambju skont dawk mahrugin mill-Bank Centrali ta' Malta u sussegwentement l-operatur, jekk ikun intitolat ghall-beneficcji taht l-iskema TOSS, japplika mal-Awtorita' tat-Turizmu sabiex jinghata il-beneficcju fuq il-kambju.

**Victor Mifsud**[7]**,** Head Charter Sales mas-socjeta` attrici, ikkonferma li sar ftehim ghas-snin 1999 sa' 2002 bejn il-kontendenti sabiex l-Air Malta tikri ajruplani lill-kumpanija konvenuta u kkonferma d-dokumenti esebiti **D1 sa' D4.** Hu qal li l-iskema TOSS kienet amministrata mill-Awtorita` tat-Turizmu li hija ndipendenti mill-*Air Malta.* F'din l-iskema il-Gvern kien ta inizjattiva lit-*tour operators* fejn l-istess Awtorita` kienet issarraf l-isterlina Ingliza bir-rata ta' stg 160 = Lm1 u dana sabiex ma jitilfux fuq il-kambju. "*Imkien fil-ftehim ma' South Rays Limited ma ssir referenza ghal din l-iskema ghaliex ahna ma kellniex x'naqsmu maghha."*

**Leslie Vella,** ghall-Awtorita` Maltija tat-Turizmu, xehed[8] li fil-perjodu bejn 2001 sa 2004 kien responsabbli mill-iskema TOSS. Din is-sistema inholqot fis-sena 1996 bhala successur ta' skema antecedenti imsejha *forward buying rate.* Il-mekkanizmu tat-Toss kien illi l-NTOM, u imbaghad l-Awtorita' Maltija ghat-Turizmu, tanticipa ir-rata ta' Lira Sterlina fil-konfront tal-Lira Maltija ghat-tmintax-il xahar qabel, biex kemm l-operaturi turistici Maltin ikunu jistghu jirregolaw l-iffissar tat-tarriffi taghhom u tas-servizzi li jaghtu a bazi ta' dik ir-rata, kif ukoll meta l-prodott turistiku Malti jinbiegh fis-suq Brittaniku, l-operaturi Inglizi ikunu jistghu bejn wiehed u iehor jaghmlu l-kalkoli taghhom fuq ir-rata hekk iffissata. Dan kien japplika ghall-operaturi li kienu imnizzla fuq il-lista tal-NTOM u tal-Awtorita' rispettivament. Sostanzjalment is-sistema ta' TOSS kienet sistema ta' sussidju.

Xehed ukoll **Lawrence Borg** ghas-socjeta` konvenuta[9] u qal li l-kumpanija tieghu kellha kuntratt mal-Air Malta bbazata fuq it-TOSS *rate*. Il-hlas, skont hu, dejjem sar f'liri

---

[7] Affidavit esebit a fol.97 tal-process.
[8] Xhieda a fol. 103 tal-process.
[9] Affidavit a fol.109 tal-process.

Inglizi skont ir-rata tat-'TOSS'. Il-pagamenti kienu isiru lill-Bank f'forma ta' "*insructions to Bank".* Il-Bank kien jinforma ruhu dwar ir-rata applikabbli tat-TOSS u jaghmel il-hlas lill-Air Malta abbazi ta' din ir-rata.

Xehed **James Vella in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc**[10] qal li l-konvenut kien jitlob li jibbenefika taht skema ta' beneficcji fir-rata applikabbli bejn il-Lira Maltija u l-Lira Sterlina.

## KONSIDERAZZJONIJIET

Jirrizulta li mhux ikkontestat li s-servizzi prestati saru u lanqas m'hu kkontestat l-ammont bilancjali dovut f'Lira Sterlina lis-socjeta` attrici. Li qed jigi ikkontestat, pero' hija r-rata tal-kambju applikabbli billi is-socjeta` attrici qed tinvoka il-beneficcju ta' rata stabbilita minn skema operata mill-Awtorita' Maltija tat-Turizmu maghrufa bhala t-'*Tour Operator Support Scheme*" jew 'TOSS rate'.

Il-Qorti ghalhekk ser tevalwa jekk tapplikax din ir-rata ghall-negozju mertu tal-kawza odjerna. Mix-xhieda moghtija mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici, jirrizulta li dawn iharsu lejn din l-iskema bhala wahda ta' sussidju, operata mill-Awtorita` msemmija. L-operatur eligibbli japplika mal-Awtorita` biex jiehu l-beneficcju tar-rati sussidjati filwaqt li s-socjeta` attrici li tippresta servizzi lill-operatur, tapplika ir-rata mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta biex tistabilixxi l-prezz taghha.

Dan hu konformi mas-sustanza tax-xhieda moghtija mir-rapprezentant tal-Awtorita` Maltija tat-Turizmu, li ddeskriva l-iskema TOSS fejn qal li "*Sostanzjalment is-sistema ta' TOSS kienet sistema ta' sussidju fis-sens li l-operatur ikun eligibbli ghall-forma ta' sussidju li jikkonsisti fid-differenza fir-rata tal-kambju bejn dik ir-rata li tkun giet stabbilita meta ikun gie projjettat is-servizz, u r-rata stabbilita bejn il-Lira Maltija u l-isterlina fid-data meta fil-fatt ikun inghata s-servizz*."

[10] Xhieda a fol. 116 tal-process

Minn ezami ta' dokument informattiv esebit mill-konvenut bhala **Dok.E (**a fol. 56 *et seq*.tal-process), jirrizulta li b'din l-iskema "*MTA shall be offering UK and Irish tour operators a package based on a discount on the market forward rate, which MTA negotiated with commercial banks in Malta."*

Minn qari ta' dan id-dokument jirrizulta li s-socjeta` attrici hija estranea ghall-arrangament, li jirregola ir-relazzjonijiet bejn l-MTA u operaturi eligibbli ghall-iskema ta' beneficcji. Ma hemmx dubbju li din hija skema ta' sussidju fuq ir-rata tal-kambju billi l-MTA jaghti skont (*discount)* fuq ir-rata normalment applikata mill-banek. Dan il-beneficcju jintalab lil, u jithallas mill-MTA u mhux mill-persuna jew socjeta` li qed taghti is-servizz li ma tgawdi minn ebda sussidju fuq ir-rata tal-kambju u mhiex beneficcjarja taht din l-iskema.

*Inoltre* ma jirrizultax mid-dokumenti esibiti rigward il-ftehim bejn il-kontendenti li qablu li jigi applikat it-'TOSS rate' bejniethom jew rata ohra. It TOSS rate hija rata skontata u ma jistax jigi prezunt li kien japplika bejn il-partijiet.

**Ikkonsidrat** li mill-Invoice esebit mis-socjeta` attrici datat il 31 ta' Lulju 2003[11] u debitament ikkonfermat bil-gurament, jirrizulta ammont dovut lill-*Air Malta plc* ikkwotat f'Lira Sterlina u l-pagamenti li saru akkont, f'Lira Sterlina, biex b'hekk inhareg l-ammont bilancjali, mertu ta' din il-kawza ta' Stg 26,342.69 bhala bilanc.

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li l-ammont ta' stg 26,342.69 huwa dovut u fid-data tal-prezentata ta' din il-kawza, ghandha tapplika r-rata tal-kambju mahrug mill-Bank Centrali ta' Malta biex dan l-ammont jissarraf fis-somma ta' Lm16106.81. Madanakollu, tenut kont li fil-mori, Malta dahhlet fil-*Euro Zone,* l-ammont dovut huwa ta' €37518.77 bir-rata ta' €1:Lm0.4293.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

[11] Fol. 10 tal-process.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, **tilqa'** t-talbiet attrici billi

1. **Tiddikjara u tiddeciedi** li s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici versu s-somma ta' sitta u ghoxrin elf, tliet mija tnejn u erbghin lira Sterlina, u disgha u sittin “pence” (GBP26,342.69) dovut bhala bilanc minn somma akbar prezz ta' titjiriet skont "*charter contract*" konkluz bejn il-partijiet.

2**.** **Tikkundanna** lill-kumpanija konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' GBP26,342.69, ekwivalenti ghall-sebgha u tletin elf, hames mija u tmintax-il ewro u sebgha u sebghin centezmu (€37,518.77), gja ekwivalenti ghal sittax-il elf, mija u sitt liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm16,106.81) skont ir-rata tal-kambju mahruga mill-Bank Centrali ta Malta fl-1 ta’ Awwissu 2003, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha jithallsu mis-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------